# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1590

## tad-19 ta' Awwissu 2020

## li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni tal-massa tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-2016, fl-2017 u fl-2018

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-massa medja tal-flotta tal-UE f'kundizzjoni ta' sewqan użata għall-fini tal-kalkolu tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ għal kull manifattur ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda, jiġifieri l-valur $M_0$, għandha tiġi aġġustata b'mod regolari biex tqis il-bidliet fil-massa medja tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-Unjoni.

(2) Abbażi tad-*data* mogħtija fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/143 ([2]), (UE) 2019/582 ([3]) u (UE) 2020/1035 ([4]), il-massa medja f'kundizzjoni ta' sewqan ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda fis-snin kalendarji 2016, 2017 u 2018, ponderata skont l-għadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda f'kull waħda minn dawk is-snin, kienet ta' 1 825,23 kg. Il-valur $M_0$ għas-snin kalendarji 2021, 2022 u 2023, imsemmi fil-punt 4 tal-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631 għandu għalhekk jirrifletti dik il-massa.

(3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/631 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-punt 4 tal-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631 l-entrata $M_0$ tinbidel b'dan li ġej:

"$M_0$ hija 1 766,4 fl-2020, 1 825,23 għas-snin 2021, 2022 u 2023, u għall-2024 il-valur adottat skont il-punt (b) tal-Artikolu 14(1)".

([1]) ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/143 tad-19 ta' Jannar 2018 li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżjorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ u l-miri ta' emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-sena kalendarja 2016 skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 25, 30.1.2018, p. 49).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/582 tat-3 ta' April 2019 li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżjorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ u l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-sena kalendarja 2017 u għall-konsorzju Volkswagen inkluż il-membri tiegħu għas-snin kalendarji 2014, 2015 u 2016 skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 100, 11.4.2019, p. 47).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1035 tat-3 ta' Ġunju 2020 li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżjorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ u l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-sena kalendarja 2018 skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 227, 16.7.2020, p. 37).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN